32002R2382

L 358/120 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 31.12.2002

# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2382/2002

## tat-30 ta’ Diċembru 2002

## li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 94/92 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implementazzjoni ta’ l-arranġamenti għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi kif ipprovduti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2092/91

**(Test b’relevanza ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2092/91 ta’ l-24 ta’ Ġunju 1991 dwar il-produzzjoni organika ta’ prodotti agrikoli u l-indikazzjonijiet li jirreferu għalihom fil-prodotti agrikoli u fl-oġġetti ta’ l-ikel (1), kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 473/2001 (2), u partikolarment l-Artikolu 11(1) tiegħu,

Billi:

(1) Il-lista ta’ pajjiżi terzi li minnhom ċerti prodotti agrikoli akkwistati bil-metodu tal-produzzjoni organika dwar kif għandhom joriġinaw sabiex ikunu *marketed* fi ħdan il-Komunità, li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91, hija stabbilita fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 94/92 (3), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1162/2002 (4). Dik il-lista kienet imħejjija bi qbil ma “l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91.”

(2) It-tul ta’ żmien ta’ l-inklużjoni ta’ l-Isvizzera fil-lista li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91 jeskadi fil-31 ta’ Diċembru 2002. It-tul ta’ żmien għall-inklużjoni ta’ l-Arġentina, l-Awstralja, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija u l-Iżrael jeskadi fit-30 ta’ Ġunju 2003. Sabiex ikun evitat tfixkil fil-kummerċ, hemm ħtieġa li tkun estiża l-inklużjoni ta’ dawn il-pajjiżi għal perijodu sussegwenti.

(3) Il-pajjiżi terzi kkonċernati fornew lill-Kummissjoni bl-informazzjoni xierqa rigward l-implimentazzjoni tar-regoli ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2092/91. B’żieda, l-implimentazzjoni effettiva kienet ġiet ivverifikata matul l-eżaminazzjonijiet fuq il-post f’dawk il-pajjiżi terzi kif imwettqa mill-Kummissjoni.

(4) L-awtoritajiet Ungeriżi kienu infurmaw lill-Kummissjoni li korp wieħed ta’ l-ispezzjoni tal-ħruġ taċ-ċertifikati kien waqqaf l-attività tiegħu fl-Ungerija. Għalhekk, l-isem ta’ dak il-korp għandu jkun imħassar mill-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 94/92.

(5) Ir-Regolament (KEE) Nru 94/92 għandu għalhekk jiġi emendat kif xieraq.

(6) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f “dan ir-Regolament huma bi qbil ma” l-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91,

ADOTTAT DAN ID-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 94/92 huwa hawnhekk emendat kif stabbilit fl-Anness ta’ dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, it-30 ta’ Diċembru 2002.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membru tal-Kummissjoni*

---

(1) ĠU L 198, tat-22.7.1991, p. 1.
(2) ĠU L 75, tas-16.3.2002, p. 21.
(3) ĠU L 11, tas-17.1.1992, p. 14.
(4) ĠU L 170, tad-29.6.2002, p. 44.

*L-ANNESS*

L-Anness mar-Regolament (KEE) Nru 94/92 huwa emendat kif ġej:

1. Fit-testi li jirreferu għall-Arġentina, l-Awstralja, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, l-Iżrael u l-Isvizzera, il-punt 5 huwa mibdul b'dan li ġej:

   "5. **It-tul taż-żmien ta' l-inklużjoni tat**-30.6.2008"

2. Fit-test li jirreferi għall-Ungerija:

   — fil-punt 3, il-kliem "u SKAL" huma mħassra.

   — fil-punt 4, il-kliem "u SKAL (uffiċċju fl-Ungerija)" huma mħassra.